GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **26 ta' Jannar 2023** **Ref: DDLTS 3/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Il-Jum għal Internet aktar Sikur 2023**

---

Il-Jum għal Internet Aktar Sikur (https://www.saferinternetday.org/) hija ċelebrazzjoni globali li tindirizza l-opportunitajiet li joffri l-Internet u l-importanza li dan isir spazju aktar sikur. Il-Jum tal-Internet Aktar Sikur ta' din is-sena se tiġi organiżżata nhar it-**Tlieta, s-7 ta' Frar 2023**. Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali (DDLTS) jinkoraġġixxi l-użu tajjeb tal-internet u jħeġġeġ lill-edukaturi, lill-ġenituri u lill-istudenti kollha sabiex joħolqu esperjenza aħjar fuq l-internet b'sigurta` għal kulħadd.

L-iskejjel huma ġentilment imħeġġa sabiex jorganizzaw attivitajiet relatati mal-ħarsien fuq l-internet u jżommu nota tal-attivitajiet organizzati f'Malta billi jtellgħuhom https://bit.ly/sid_2023.

Bħala parti mill-attivitajiet marbutin ma' Jum għal Internet Aktar Sikur:

(a) Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali qed jorganizza dibattitu f'kollaborazzjoni mal-Migrant Learners Unit u l-Uffiċjal Edukattiv tal-Etika fi ħdan id-Direttorat għat-Tagħlim u l-Programmi t'Assessjar u l-Uffiċjal Edukattiv tal-Counselling fi ħdan is-Servizz ta' sapport edukattiv. It-tema hija "**Disinformation, misinformation, hate speech and cyberbullying**" Dan id-dibattitu ser isir nhar il-**Ġimgħa, 24 ta' Frar 2023 bejn il-11.30am u l-12.30pm.** Matul din is-sessjoni ser jiġu diskussi bosta temi relatati ma' diskors ta' mibegħda, disinformazzjoni u misinformazzjoni. Tista' tattendi dan is-seminar *online* billi tikklikkja https://bit.ly/SID_2023_debate.

(b) L-Edukaturi huma infurmati li l-MOOC Facts4All għadu miftuħ. Dan il-kors kien koordinat mill-European Schoolnet flimkien mad-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali u żewġ imsieħba oħra Mediawijs and Faktabaari EDU. Mhux kull informazzjoni li tidher fuq l-internet jew il-mezzi soċjali ta' min wieħed joqgħod fuqha. Iffaċjati b'din il-pjaga ta' diżinformazzjoni u aħbarijiet foloz, kull min juża l-internet huwa mħeġġeġ li jiżviluppa ħsieb kritiku. Il-proġett Facts4All, permezz ta' dan il-MOOC, jistieden lill-għalliema kollha tal-primarja u sekondarja sabiex jidħlu għal dan il-kors biex jiżviluppaw u jimplementaw approċċi effettivi għall-iskola kollha li jrawwmu l-ħsieb kritiku u jindirizzaw id-diżinformazzjoni *online*. Tista' taċċessa dan il-MOOC billi tikklikkja hawn

Għal aktar tagħrif tistgħu tibgħatu lil: omar.seguna@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**